MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 563/2002

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Victor Falzon u Grace Falzon**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti biex ihallsu s-somma ta’ tlett elef, mija u wiehed u sittin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm3161.74,0) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 825406 (skond kif jirrizulta mill-anness statement Dok. A) liema servizz gie stallat fil-fond fi Sqaq numru 3, fi Triq Biccieni, f’Haz-Zabbar u dana**

**skond ma kif jidher mill-anness "service agreement" Dok. B;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex  il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fis-26 ta' Novembru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**